

Olivia Lewis tinterpreta l-kanzunetta rebbieħa 'Hawn mill-Ġdid' fis-serata finali f'Dar il-Mediterran. *(Ritratt: JJ Chircop)*

# Olivia Lewis tirbaħ il-Festival Internazzjonali tal-Kanzunetta Maltija

**Noel D'Anastas**
ndanastas@gmail.com

Hawn mill-ġdid wara 11-il sena, il-Festival Internazzjonali tal-Kanzunetta Maltija rritorna, festival li offra numru ta' kanzunetti ta' livell u wisq aktar interpretazzjonijiet tajbin minn uħud mill-aqwa esponenti lokali midħla sew f'dan ix-xenarju.

Din l-edizzjoni ntrebħet minn Olivia Lewis, l-ewwel darba tagħha f'dan il-festival, li b'*Hawn mill-Ġdid*, kanzunetta konvenzjonali b'saħħitha, ikkonfermat ritorn feliċi wara pawsa ta' sitt snin bl-aħħar dehra fil-festivals lokali tkun it-trijonf fil-Malta Song for Europe 2007.

Din kienet ukoll l-ewwel darba għal-awtur Joe Julian Farrugia li rebaħ dan il-festival. Għall-kompożitur Paul Abela, l-aħħar prestiġju tar-rebħ imur għall-festival tal-1997 meta kien rebaħ bil-kanzunetta *Min jaf Għalfejn?* interpretata minn Catherine Vigar.

Mark Tonna kiseb it-tieni post bil-kanzunetta *Poeta bla kliem* miktuba minn Emil Calleja Bayliss u mużika ta' Mark Scicluna filwaqt li l-aħwa Dario u Grecia Bezzina kienu klassifikati fit-tielet post bil-kanzunetta b'element patrijottiku u l-lament tradizzjonali f'*Solitaire* fuq mużika tal-istess Dario Bezzina għal kliem ta' Rita Pace.

14-il kanzunetta Maltija bi stili varji dominat l-aktar minn element konvenzjonali u taħlita ma' dak aktar modern u esperimentali għamlu dan il-festival interessanti b'uħud minnhom joffru l-potenzjal li jibqgħu jiddefinixxu din l-edizzjoni. Kien versatili bejn kantanti magħrufa b'tant esperjenza u oħrajn li bil-mod qed jidħlu sew f'dan l-ambitu.

Personalment inqis li ġustament it-tliet kanzunetti rebbieħa kien jixirqilhom dan l-unur. Għoġbuni wkoll l-interpretazzjonijiet ta' Dorcas u Miriam Christine. Janvil u Hooligan taw spettaklu sabiħ u bejniethom amalgamaw tajjeb l-istili individwali tagħhom mimlija enerġija.

Min-naħa tiegħu, Roger Tirazona xeħed vuċi raffinata. Prosit lill-kantanti kollha.

### Kantanti barranin

L-ewwel parti ta' dan il-festival kienet immirata lejn il-kategorija internazzjonali bi 12-il kantant ġejjin mill-Belarussja, il-Bulgarija, il-Ġermanja, ir-Renju Unit, ir-Rumanija, l-Italja, il-Moldova, it-Turkija u Spanja.

Kif forsi wieħed kien jistenna, il-kanzunetta *Fremd Aber Doch vertraut* – il-verżjoni bil-Ġermaniż ta' *Sal-Aħħar* li għamlet suċċess lil Fabrizio Faniello, rebħet din il-kategorija. L-interpretazzjoni wasslet armonija vokali ħelwa mill-grupp Bella Vista. Fost dawk li laqtuni kien hemm l-enerġija ta' Federica Marinari (Italja) u l-vuċi sofistikata ta' George Koldun (Belarussja). Għoġbuni wkoll Ely Qurbelo (Spanja), Ilona (Renju Unit) u Ray Gligor (Moldova).

Il-banda *live* iffurmata minn 10 elementi b'direzzjoni ta' Mro Sigmund Mifsud għall-kanzunetti Maltin u Mro Aurelio Belli għas-selezzjoni barranija kienet waħda kompatta u ta' livell għoli. Il-preżentazzjoni ta' Alfred Zammit kienet waħda mill-aktar mexxejja u miegħu ingħaqdu l-kantanti popolari Renato, Mary Rose Mallia, Debbie Scerri u Lawrence Gray li qasmu l-esperjenzi tagħhom dwar il-parteċipazzjoni tagħhom fl-edizzjonijiet passati.

Romina Mamo, din id-darba mhux biss kantanta iżda bħala preżentattriċi wasslet kollegament mal-emozzjoni li kien hemm fil-*green room*. Is-serata finali kienet waħda twila li ħadet madwar erba' sigħat u nofs bejn mużika u reklami li xxandret b'mod dirett fuq l-istazzjonijiet televiżivi tal-PBS.

Il-festival kellu żewġ selezzjoni ta' ġurija, dik għall-kantanti barranin u oħra għall-kantanti lokali. Il-votazzjoni kienet waħda trasparenti fejn kull vot kien muri fuq it-tabella. Ir-rebbieħa internazzjonali kienu magħżula minn Noel D'Anastas, Roderick Azzopardi Custò, George Cremona, Josephine Ebejer Grech, David Muscat, Emelda Micallef, Antonella Vassallo u Hermann Bonaci mmexxija minn Robert Cefai, segretarju eżekuttiv tal-festival taħt il-ħarsien tan-nutar Dr Elsa Debono.

Il-ġurija għall-kompetizzjoni lokali kienet ffurmata minn Daniel Falzon, Patrick Vella, Charles Marsh, Clint Bajada, Jackie Mercieca, Alfie Fabri, Salvu Mallia u Renè Monsigneur. Din tmexxiet minn Deo Grech, Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi tal-festival taħt il-ħarsien tan-nutar Dr Reuben Debono.

Flimkien mal-vot tal-ġurija ngħaqad ukoll il-vot tal-pubbliku permezz tat-*televoting* li sewa daqs membru wieħed mill-ġurija. Il-polz tal-pubbliku mar għand Geordie segwit minn Janvil u Hooligan, u Dario u Grecia Bezzina,

### Mistiedna

L-ispettaklu inkluda s-sehem tal-mistiedna barranin. Lisa Portelli, kantanta Maltija residenti barra, kantant żewġ siltiet mir-ripertorju tagħha. Kien hemm ukoll il-kwartett Hypnotic li jispeċjalizza fid-daqq tal-vjolin.

Il-festival kien imtella' mis-Segretarjat Parlamentari għall-Kultura u Kunsilli Lokali flimkien mal-WAFA, assoċjazzjoni tal-festivals u kantanti internazzjonali. Il-festival kellu għajnuna wkoll mingħand Bank of Valletta u Hamilton Travel.

## Premjijiet oħra ngħataw hekk:

Rebbieħ tat-*televoting* – **Geordie** bil-kanzunetta *Kuraġġ* (Philip Vella/Joe Chircop).

Rebbieħa tal-premju WAFA – **Dorcas** bil-kanzunetta *Din jien* (Minik/Rita Pace).

Premju Mro Anthony Chircop – **Fiona** bil-kanzunetta *Għadek tgħix* (Renato Briffa/Mark Amaira).

Premju tal-aħjar interpretazzjoni – **Miriam Christine** bil-kanzunetta *Stejjer* (Andrew Zahra/Joe Julian Farrugia).

Premju tal-aħjar wirja fuq il-palk – **Janvil** u **Hooligan** bil-kanzunetta *Mikrokożmu* (Augusto Cardinali/Giovann Attard).

Premju mogħti mill-kumitat organizzattiv – **Roger Tirazona** bil-kanzunetta *Int mill-ġdid* (Paul Abela/Joe Julian Farrugia).

Premjijiet tal-parteċipazzjoni – **Christian, Domenique Donna** u **Lyann Iles**.